MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 1/2007/1

**L-Arcipriet Dun Salvatore Muscat fil-kwalita` tieghu ta' esekutur testamentarju tal-mejta Maria Buttigieg u ta' l-Avukat Mario Scerri fil-kwalita` tieghu ta' kuratur ta' l-inkapacitata Paola Buttigieg**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' April, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri tat is-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat r-rikors u r-risposti relattivi;
>
> Rat ukoll l-atti tar-Rikors Numru 80/2005 quddiem din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha;

Semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difesnuri rispettivi.

Billi n-nomina tal-perit imsemmi f' dawk l-atti kienet sabiex jaghti l-valur gust tal-proprjeta` tar-rikorrenti nomine li kienet intiza li tinbiegh, u t-taxxa relattiva jidher illi nhadmet fuq l-valur globali tal-proprjeta inkwestjoni kollha, u mhux fuq i-zewg kwinti (2/5) spettanti lir-rikorrenti nomine.

Tilqa' t-talba u tordna lir-Registratur taghha sabiex jerga' jahdem din it-taxxa, tenut kont is-sehem tar-rikorrenti nomine u mhux il-valur shih ta' l-istess proprjeta."

Sussegwentement fit-18 ta' April, 2007 l-istess Qorti, iddegretat dan li gej, wara li gie pprezentat rikors mill-Perit Valerio Schembri fejn talab kjarifika tad-digriet hawn fuq riprodott:

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors u r-risposta relattiva;

Rat ukoll l-artikolu 6 tat-Tariffa K annessa mal-Kap. 12, applikabbli ghall-kaz in ezami;

Billi, kif qalet fid-digriet precedenti taghha tat-3 ta' April 2007, it-taxxa tad-dritt addizzjonali tar-rikorrenti, trid tinhadem fuq is-sehem li gie valutat, sew jekk it-taxxa tinhadem a bazi tas-sub-inciz (a) ta' l-artikolu 6, kif ukoll jekk tinhadem a bazi tas-sub-inciz (e) ta' l-istess artikolu, din ghandha tigi kkalkolata fuq dan is-sehem biss u mhux fuq l-intier tal-proprjeta` in kwistjoni."

Mill-provvedimenti moghtija mill-ewwel Qorti appella l-Perit Valerio Schembri bl-aggravju li jattakka l-metodu ta' l-intaxxar ta' l-onorarju tieghu kif suggerit minn dik il-Qorti;

Irtirati mill-appellat l-Arcipriet Salvatore Muscat *nomine* l-eccezzjonijiet preliminari tieghu ta' indoli procedurali u dik proposta mill-appellat Registratur tal-Qorti relattiva ghall-inkompetenza tal-Qorti adita, mill-atti jidher li hemm qbil mill-partijiet illi l-appellanti kien dovut onorarju ghax-xoghol professjonali tieghu fuq inkariku mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ta' gurisdiszzjoni volontarja. Fejn ma jaqblux huwa dwar il-komputazzjoni tat-tassazzjoni tad-dritt dovut. Effettivament, l-impunjattiva mir-rikorrenti quddiem l-ewwel Qorti kienet tinvesti proprju l-kwantum tad-dritt intaxxat mir-Registraur ghaf-favur ta' l-appellanti. Ghal kompletezza jigi osservat illi ghalkemm l-istanza giet proposta fil-konfront tar-Registratur biss, l-appellanti ppartecipa hu wkoll attivament fil-process biex jikkontesta l-impunjattiva sollevata;

Dan premess, huwa xieraq li jigi ezaminat l-istat tal-ligi taghna in kwantu mill-interpretazzjoni tan-norma applikabbli tinsab is-soluzzjoni tal-punt kontrovertit;

Tezisti konkordanza bejn il-partijiet illi ghal kaz japplika d-dispost tal-paragrafu 6 (2) tat-Tariffa K tal-Kapitolu 12, li hekk jipprovdi:-

"Fil-valutazzjoni ta' porzjoni mhux diviza ta' fond, sew jekk franka jew enfitewtika, jew suggetta ghal uzufrutt, servitu jew piz, id-dritt ghandu jigi stmat kif hemm fis-sub-paragrafu (a) u (b) ta' dan il-paragrafu, <u>jew</u> fuq il-bazi ta' erbgha fil-mija (4%) fuq il-valur tal-porzjoni hekk valutata, liema dritt ikun l-anqas, izda f' ebda kaz id-dritt li jithallas ma ghandu jkun anqas minn Lm3";

Issa, qabel xejn, l-antecedenti ta' l-istanza prezenti jidhru li kienu dawn:-

(1) L-Arcipriet Dun Salvatore Muscat, *qua* ezekutur testamentarju tal-mejta Maria Buttigieg u l-Avukat Dottor Mario Scerri, *qua* kuratur ta' inabilitata

Paola Buttigieg, ressqu talba quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja biex din tapprova l-bejgh lil terzi ta' zewg kwinti (2/5) indivizi ta' porzjoni ta' art fabrikabbli versu l-prezz stabbilit fil-konvenju;

(2) Il-Qorti innominat lill-appellanti biex dan jiddetermina jekk il-valur tas-sehem spettanti lill-inabilitata kienx vantaggjuz u dan irrelata fin-negattiv. B' inkarigu ulterjuri l-appellanti gie mitlub jipprovdi stima ta' l-art li hu ghadda biex hekk jaghmel. Saret it-tassazzjoni tad-drittijiet ghab-bazi ta' din l-istima li, kif gja rilevat, ir-rikorrenti opponew bid-debita impunjattiva;

(3) B' digriet tat-3 ta' April 2007 l-ewwel Qorti laqghat it-talba u ordnat lir-Registratur jirrintaxxa l-onorarju tenut rigward tas-sehem tar-rikorrenti mill-art u mhux ghab-bazi tal-valur shih tal-proprjeta`. Aktar tard fuq is-senjalazzjoni lilha maghmula ghal kjarifika, il-Qorti rribadiet b' digriet iehor tat-18 ta' April 2007 illi d-dritt tal-perit stimatur ghandu jigi kkalkulat fuq il-valur korrispondenti ghas-sehem u mhux fuq l-intier tal-valur tal-proprjeta;

Fermi dawn l-antecedenti, l-adegwament tal-fattispeci ghat-tariffa applikabbli ghandu fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti jsegwi dan il-hsieb. Korrettement intiz, huwa *in primis* evidenti mil-lokuzzjoni stess tas-subparagrafu (e) tal-paragrafu 6 tat-Tariffa K illi l-legislatur introduca ghal fini ta' komparizzjoni l-kalkolu bazat fuq is-subparagrafu (a) u dak bazat fuq ir-rata ta' erbgha fil-mija (4%). Huwa evidenti wkoll illi l-komputazzjoni skond subparagrafu (a) mhix korrelatata mal-valur ta' xi sehem determinat mill-fond imma mal-valur ta' l-intier tieghu. Dan kemm ghaliex dan ma jirrizultax mit-termini ta' l-istess subparagrafu (a), kemm ghaliex ukoll l-ewwel parti tas-subparagrafu (e) ma hijiex ristretta ghal valur tal-porzjoni kif hekk invece nsibu fit-tieni parti ta' dan is-subparagrafu in riferenza ghal komputazzjoni fuq il-bazi ta' erbgha fil-mija, u, fuq kollox, ghaliex kieku kien diversament, l-ezercizzju komparattiv ma kienx ikun hemm loku. *Ictu oculi*, anke minghajr l-ghajnuna ta' xi matematika elaborata huwa sew ovvju illi

kieku l-kalkolu skond paragrafu (a) kellu jsir fuq il-bazi tal-valur tas-sehem biss, u mhux dak tal-valur ta' l-intier, tal-proprjeta, l-ammont rizultanti difficilment jista' qatt jissupera l-intaxxar ta' l-istess valur tas-sehem bir-rata ta' erbgha fil-mija. Dan mhux biss jistultifika l-volonta tal-legislatur imma jirrendi ghal kollox superfluwu l-istess subparagrafu (e) u l-htiega tal-komparazzjoni;

Jitnissel minn dan kollu illi la t-tezi ta' l-appellati u lanqas id-deduzzjoni ta' l-ewwel Qorti ma jipperswadu u, konsegwentement, ma jistghu qatt jigu accettati b' favur fis-sens propost fid-digrieti appellati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar dik il-parti tal-provvedimenti ta' l-ewwel Qorti li permezz taghhom stabbilit illi t-tassazzjoni tad-drittijiet ta' l-appellanti tigi komputata fuq il-bazi tal-valur tas-sehem indiviz ukoll fl-ambitu tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu 6 tat-Tarriffa K, Kapitolu 12 u konsegwentement tikkonferma l-korrettezza tat-taxxa maghmula mir-Registratur tal-Qorti. L-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew mill-appellati l-Arcipriet Dun Salvatore Muscat *nomine* u l-Avukat Mario Scerri *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------